MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 79

19 ta' Lulju 2017

Minuti tas-seduta Nru. 79 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-19 ta' Lulju 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra is-Sinjura A. Brincat Stellini minħabba li kienet imsiefra skont kif innotifikat permezz ta' imejl datat 4 ta' Lulju 2017. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf ukoll permezz ta' imejl datat 19 ta' Lulju 2017, li ma setax jattendi minħabba luttu fil-familja tiegħu

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.1. **(Ref: P/10/25)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

> *2.1.1. Fuq proposta mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo, il-Kunsill iddeċieda li għandha tinbidel il-policy dwar l-ispejjeż tal-ivjaġġar involuti, fis-sens li 35% tal-ispiża totali għandu jkoprihom il-Kunsill, filwaqt li l-parteċipanti kollha jkopru f'ammonti ugwali il-65% rimanenti.*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 78 tat-3 ta' Lulju 2017, ġew approvati u ffirmati bl-emenda skont il-minuta 1.1. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Ma tressqu ebda materji mill-minuti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 13/07/17;
- Skeda ta' Xiri permess tal-*Petty Cash* – 02/06/2017 – 06/07/2017;
- Skeda ta' Pagamenti – 01/07/17 – 17/07/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Fondi ntiżi sabiex jintefqu fuq toroq bit-tarmak (T/4/13/Vol XI)

4.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 17 ta' Lulju 2017 mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana fejn tħabbar li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jgħaddi €100,000 lil kull Reġjuni sabiex il-Kunsilli msieħba jutilizzawhom fuq tiswija u titjib ta' toroq bit-tarmak. Fil-każ tal-Mellieħa ġew allokati €9,258. Is-Segretarju kkummenta li s-somma allokata hija baxxa wisq biex ikun jista' isir *resurfacing* u għalhekk ippropona li jsir *patching* bil-*hot asphalt* ta' toroq li diġa huma bit-tarmak.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab stima sabiex isir *patching* ta' Triq Ġnien Ingraw u Triq il-Mitħna l-Ġdida.

4.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm jista' jkun għandu jkun hemm sorveljanza fuq il-kwalità ta' xogħol li jsir mill-entitajiet illi għandhom is-servizzi fit-toroq.

4.1.5. Is-Segretarju wieġeb li bir-riżorsi limitati li għandu l-Kunsill issir din it-tip ta' sorveljanza u spiss isir ukoll kuntatt mal-entitajiet konċernata biex jerġgħu jagħmlu *reinstatement* tal-wiċċ tat-triq kif suppost. Huwa spjega li l-problema tinqala' meta jinżel il-wiċċ wara ħafna żmien u għalhekk ma jkunx possibbli li l-Kunsill jirrikorri għand l-entità li tkun għamlet ix-xogħol.

### 4.2.1. *Adventure Race 2017* organizzata mill-Agones SFC (S/6/Vol VI)

4.2.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 8 ta' Lulju 2017 mibgħut mill-Agone SFC, fejn għarrfu li fis-27 ta' Awwissu 2017 ser jorganizzaw il-Ħames Edizzjoni tal-*Adventure Race* f'Għajn Tuffieħa għall-karità. Apparti l-permess tal-Kunsill huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jixtraw it-trofej, u jinxtara xorb u frott lill-parteċipanti.

4.2.3. Il-Kunsill approva t-talba sakemm l-involviment tiegħu ma jkunx jaqbeż €150.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 13 ta' Lulju 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-1 u s-17 ta' Lulju 2017.

6.3. Tressqet wkoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-2 ta' Ġunju u s-6 ta' Lulju 2017.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Elezzjoni każwali K/1/6/Vol III)

7.2. Is-Sindku aċċenna għall-elezzjoni każwali li saret fl-4 ta' Lulju 2017 bil-għan li jimtela' is-siġġu battal tal-Kunsillier Clayton Bartolo. Huwa aċċenna li ġie elett is-Sur Joseph Azzopardi u għalhekk laqgħu f'din l-ewwel seduta li qed jattendi minn meta ġie elett. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li s-Sur Azzopardi mhuwiex ġdid għall-Kunsill, peress li diġa serva bħala Kunsillier fit-Tielet u s-Sitt Kunsill u Viċi Sindku fir-Raba' u l-Ħames Kunsill.

7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Assenjar ta' responsabilitajiet lill-Kunsillieri (K/2/Vol III)

8.2. Fid-dawl tat-tibdil li ġabet magħha l-aħħar Elezzjoni Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2017, kif ukoll l-Elezzjoni Każwali tal-4 ta' Lulju 2017, is-Sindku stqarr li r-responsabilitajiet lill-Kunsillieri ser ikunu kif jidher hawn taħt:

| |
|---|
| **Is-Sindku – J. Buttigieg**<br><br>Finanzi, *Bye-Laws*; sejħiet għall-offerti; Kumitat dwar Evalwazzjoni tal-Offerti; Estimi Finanzjarji; Pjan ta' Ħidma; *Contracts Manager*; Uffiċċju Amministrattiv; Amministrazzjoni u Impjegati tal-Kunsill; Trattament ta' Ilmenti; Proġetti Kapitali; Rappreżentant fuq il-Bord tal-Park tal-Majjistral; Ippjanar u Żvilupp; Informazzjoni; Materji li jolqtu lill-Manikata; u Konsultazzjoni Pubblika |
| **Il-Viċi Sindku – Dario Vella**<br><br>Programmi Edukattivi; Fora Edukattivi; Skola, Sala tal-Komunità; Librerija Pubblika; Fiera tal-Ktieb; Korsijiet; Ġemellaġġi; Servizz ta' Internet Wi-Fi; Fuljett tal-Kunsill; Media Soċjali; Turiżmu, aċċess u Sigurtà fil-Bajjiet; Tindif tax-Xtut; u Siti għall-Karavans u Ikkampjar. |
| **Il-Kunsillier Annabelle Brincat Stellini**<br><br>Attivitajiet Kulturali; Pubblikazzjonijiet fis-Sensiela Ħannieqa Kulturali; Attivitajiet Popolari, Programmi tal-Unjoni Ewropea; Jum il-Kunsill, Relazzjonijiet mal-Għaqdiet tal-Mellieħa; Komunità Barranija; Rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Grupp Azzjoni Majjistral; u Membru fuq il-Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti. |
| **Il-Kunsillier Emvin Bartolo**<br><br>Trasport Pubbliku, Immaniġġjar tat-Traffiku; Reklamar fuq l-Għamara tat-Toroq; *Neighbourhood Watch*; Materji li jinvolvu il-Pulizija; Permessi ta' Attivitajiet; Rappreżentant fuq il-Kumitat Reġjonali; Infurzar tal-Liġi; Kordinazzjoni tal-Festa tal-Vitorja; u Membru fuq il-Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti. |
| **Il-Kunsillier Hilary Fenech**<br><br>Relazzjonijiet Internazzjonali u *Youth Programmes*; Żgħażagħ; Użu ta' Faċilitajiet Sportivi; u Attivitajiet Sportivi |
| **Il-Kunsillier Patrick Cutajar**<br><br>Komunità Kummerċjali; *Self-Employed*; Garaxxijiet Industrijali; Proġetti ffinanzjati minn Fondi Ewropej; u Tekonoliġija tal-Informazzjoni. |
| **Il-Kunsillier Joseph M. Attard**<br><br>Ħarġiet Kulturali; Żvilupp u Għajnuna Soċjali; Saħħa Pubblika; l-Anzjani; Persuni b'Diżabilità; Avvanz tal-Mara; Dar tal-Anzjani; Ċentru ta' Matul il-Jum; il-Berġa; Żamma taċ-Ċimiterji; Miżuri ta' Sigurtà; il-Familja; Tfal u *Child Care Centre*; Uffiċċju Servizzi Soċjali; u *Social Housing*. |
| **Il-Kunsillier Joseph Gauci**<br><br>Servizzi tal-Elettriku, Ilma, Drenaġġ, u Komunikazzjoni; Tismija ta' Toroq u Numri tal-Bibien; Devoluzzjoni ta' Proprjetà; Postijiet ta' Rikrejazzjoni Pubblika. |

| |
|---|
| **Il-Kunsillier Joseph Azzopardi**<br><br>Toroq Rurali; Żoni ta' Rikrejazzjoni fil-Kampanja; Ħitan tas-Sejjieħ; Imtieħen tar-Riħ; Giren; Mollijiet u Skallijiet; Afforestazzjoni; Kampanji ta' Tindif; Tisbiħ ta' Turġien; Tindif ta' Toroq Rurali u Urbani; Ġbir ta' Skart; Vetturi Abbandunati; *Bring-In Sites*; Latrini Pubbliċi; Ħarsien tal-Annimali; Konservazzjoni tal-Wirt Storiku; *Heritage Trail* ta' Selmun; u Enerġija Rinovabbli; |

8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill u l-Iljieli Mellieħin 2017
**(A/5/3/1/Vol XVI)(A/5/3/5/Vol V)**

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-programm ser jibda fit-8.00pm. Isir diskors mis-Sindku, segwit bl-għoti tal-onorefiċenza tal-Ġieħ, li ser tiġi ppreżentata mill-Onor. Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Dr Owen Bonnici, li mistenni jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni. L-Onor. Bonnici ser jattendi fil-bidu tas-serata minħabba inpenn ieħor. Wara dan ikun hemm siltiet mużikali, segwiti mill-preżentazzjoni tal-onorefiċenzi tar-Rikonoxximent u l-Apprezzamenti mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Silvio Parnis. Jindaqq għall-ewwel darba l-Innu tal-Mellieħa u fi tmiem l-attività jkun hemm bibità f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

9.3. F'dawk li huma arranġamenti tat-traffiku fil-każ tal-Iljieli Mellieħin għas-Sibt 22 ta' Lulju, is-Sindku qal li saru kuntatti ma' Transport Malta sabiex il-karozzi tal-linja ġejjin miċ-Ċirkewwa jgħaddi minn Dawret il-Mellieħa, jidħlu Triq Qasam Barrani sar-*roundabout* ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida u jkomplu fi triqthom lejn San Pawl il-Baħar minn Triq Lewis Wettinger. Il-karozzi tal-linja fid-direzzjoni opposta jagħmlu l-istess bil-għan li l-passiġġieri jitħallew fil-qalba tal-Mellieħa bl-inqas periku possibbli.

9.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li s-servizz tal-*park-and-ride* ser jitħaddem bejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u Triq Qasam Barrani. Il-passiġġieri li jitniżżlu fi Triq Qasam Barrani jkunu jistgħu jittieħdu f'postijiet oħra permezz tal-*park-and-ride*, apparti li dan is-servizz jista' jintuża wkoll minn min jipparkja l-vettura tiegħu fil-parkeġġ ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

9.5. Ġie propost li biex jiġi nfurzat l-għeluq tat-toroq is-Sibt, ikun hemm żewġ Gwardjani Lokali fejn ir-*roundabout* ta' Dawret il-Mellieħa ma' Triq il-Marfa; tnejn fi Triq il-Marfa ma' Triq l-Erwieħ, u tnejn oħra fi Triq il-Kbira ma' Triq in-Naħal. Is-sewwieqa ser jiġu nfurmati li t-traffiku lejn iċ-ċentru tal-Mellieħa ser ikun magħluq permezz ta' żewġ tabelli qabel ir-*roundabout* ta' Selmun. B'dan il-mod, ma jiġix imxekkel minn ikun irid imur fiż-żoni ta' Mellieħa Heights, Santa Marija Estate, il-Qortin, Ta' Masrija u Tas-Salib.

9.6. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

## 10.1. Nominazzjonijiet għal onorefiċenzi u apprezzamenti **(A/5/3/1/Vol XVI)**

10.2. Tressaq ir-rapport tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi tad-18 ta' Lulju 2017, fejn ġie propost li l-onorefiċenzi jingħataw kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Volontarjat | Is-Sur Joseph Cauchi | Ġieħ |
| Volontarjat | Is-Sinjura Mavis Bond | Rikonoxximent |
| Politika | Is-Sur Charles Deguara | Rikonoxximent |
| Professjoni | Is-Sinjura Brigitte Vassallo | Rikonoxximent |

10.3. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-kriterji dwar l-għoti tal-onorefiċenzji jipprovdu li Kunsillieri illi servew għal mill-inqas terminu wieħed, jingħataw "Rikonoxximent il-

Mellieħa". Għaldaqstant huwa qal li dan l-unur għandu jingħata lill-ex-Viċi Sindku Clayton Bartolo wara r-riżenja tiegħu mill-Kunsill fil-21 ta' Lulju 2017, billi ġie elett bħala Deputat Parlamentari.

10.4. Is-Sindku ppropona wkoll sabiex jingħata apprezzament uffiċjali lir-Revendu Reginald Magri Kappillan tal-Manikata u lill-Perit Ċensu Galea li temm il-karriera tiegħu bħala politiku. Issuġġerixxa li apprezzament għandu jingħata wkoll lis-Soċjetà Din l-Art Ħelwa għall-inpenn li qed turi fir-restawr u r-rijabilitazzjoni tat-Torri l-Abjad.

10.5. Abbasi tal-proposti li saru mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni u dawk li saru fil-minuti 10.3 u 10.4 aktar 'il fuq, is-Sur J. Buttigieg ressaq il-mozzjoni segwenti:

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fil-14 ta' Lulju 2017, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda"; u***

***Billi l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;***

***Billi Kunsillieri li servew għal mill-inqas terminu wieħed, jingħataw l-onorefiċenza "Rikonoxximent il-Mellieħa".***

***Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" għandhom jingħataw lil:***

- ***Is-Sur Joseph Cauchi – Qasam tal-Volontarjat;***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***

- ***Is-Sinjura Mavis Bond – Qasam tal-Volontarjat;***
- ***Is-Sur Charles Deguara – Qasam tal-Politika;***
- ***Is-Sinjura Brigitte Vassallo – Professjoni.***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa" lil:***

- ***Il-Perit Ċensu Galea – Ex-Duptat Parlamenti u Deputat Speaker;***
- ***Lir-Rev. Reginald Magri – Ex-Kappillan tal-Manikata; u***
- ***Is-Soċjetà Din l-Art Ħelwa – Restawr u Rijabilitazzjoni tat-Torri l-Abjad .***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017.".***

10.6. Il-mozzjoni għaddiet unaniment minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

## 11.1. Sejħa għall-offerti Nru. 8/2017 – Titjib fit-taraġ u passaġġ li jagħti minn Triq il-Marfa għal Triq Dun Franġisk Sciberras (R/2/3)

11.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-17 ta' Lulju 2017 u l-offerti li ntefgħu kienu s-segwenti:

| Offerent | Prezz mingħajr il-VAT |
|---|---|
| Garden Tech | €101,271.48 |
| LBV Ltd | €64,107.00 |

11.3. Il-Kunsill iddieċieda li għandu jinkiseb rapport tekniku tal-perit qabel issir l-evalwazzjoni tal-offerti.

## 12.1. Vetturi mitluqa fi Triq il-Manikata (V/1/Vol II)

12.2. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna għal ilmenti persistenti li qed ikun hemm mir-residenti ta' Triq l-Istasija, Triq il-Knisja l-Qadima u Triq il-Biedja dwar vetturi u nġenji oħra li qed jitħallew hemm minn *mechanic* li jopera minn garaxx fl-istess inħawi.

12.3. Is-Sindku għarraf li qed issir pressjoni fuq il-Pulizija tad-Distrett sabiex l-istess operatur jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu bil-għan li ma jikkawżax inkonvenjenzi għar-residenti. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-*bus bay* li hemm fi Triq il-Biedja qrib il-kantuniera ma' Triq il-Manikata għandha titwal, peress li vetturi pparkjati fil-*parking bay* eżistenti qed jostakolaw l-istess *bus bay*.

12.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 13.1. Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku (K/6/2/Vol V)

13.2. Is-Sindku aċċenna li riċentement il-kwalità tas-servizz mogħti mill-kuntrattur konċernat kien ikkaratterizzat minn dewmien minħabba l-fatt li kellu diffikultajiet ikkawżati minn nuqqas ta' xufiera u ħsarat fil-vetturi. Is-Sur J. Buttigieg qal li s-sitwazzjoni qed tiġi segwita mill-qrib bil-għan li s-servizz jingħata bejn is-7.00am u s-1.00pm fil-lokalità kollha.

13.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 14.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

14.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni tas-*snooker* individwali ser issir fl-20 ta' Lulju 2017 fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali Reġjonali (C/3/2/Vol II)

15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li r-Reġjun Tramuntana kkummissjona studju li sar minn Artifex Consulting Ltd dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa spjega li l-Gvern Ċentrali alloka €200,000 lir-Reġjuni kollha, bil-għan li kull wieħed jissottometti l-imsemmi studju. Kopja tar-rapport fir-rigwrd tar-Reġjun Tramuntana ġiet ippreżentanta waqt is-seduta.

15.3. Bħala riżultat tal-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport, il-Kumitat Reġjonali ppropona lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jittieħdu tliet inizjattivi ta' natura kulturali. Dan ser ikunu ffinanzjati minn fondi mgħoddija lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mid-dħul tal-LESA, illi jlaħħqu €53,000. L-istess fondi huma ntiżi speċifikament biex jintużaw għall-għan imsemmi. Il-proposti mressqa jinvolvu l-proġetti segwenti:

- Festival Internazzjonali ta' Mużika Sagra;
- Festival Internazzjonali tal-Mużika Folkloristika; u
- *Living Malta's Military History.*

15.4. Il-Kunsill innota d-dokument imsemmi.

**16.1. Stqarrijiet Finanzjarji tar-Reġjun Tramuntana (W/3/Vol XI)**

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ressaq kopja tal-istqarrijiet finanzjarji mhux awditjati tar-Reġjun Tramuntana għall-2016.

16.3. Il-Kunsill innota d-dokument imsemmi.

**17.1. PA 3239/17 – Żvilupp ta *boutique hotel* (P/5/8/P)**

17.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni msemmija li saret lill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa spjega li din tinvolvi l-iżvilupp ta' *boutique hotel* b'aċċess minn Triq il-Madonna ta'Għar u Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li mill-pjanti sottomessi jidher li l-faċċata fuq in-naħa ta' Misraħ il-Parroċċa ser tibqa' l-istess, filwaqt li fuq in-naħa ta' Triq il-Madonna ta' l-Għar, l-għoli totali tal-binja proposta ser jibqa' l-istess bħal dak eżistenti - ossija *semi-basement* u tliet sulari. Biex jitnaqqas l-impatt ta' dan l-għoli min-naħa ta' Misraħ il-Parroċċa, il-bini minn din in-naħa ser jiġi mtarraġ. Il-Pjan Lokali jpoġġi dan is-sit fl-*Urban Conservation Area* – fejn hemm stabbilit li l-għoli massimu huwa dak ta' żewġ sulari. F'dan il-każ il-bini eżistenti jeċċedi dan il-limitu.

17.3. Il-Kunsillier E.Bartolo qal li r-residenti tal-qrib huma nkwetati b'din l-applikazzjoni, iżda min-naħa l-oħra l-Kunsill għandu joqgħod attent li l-qalba tal-Mellieħa ma titlifx il-karatteristiċi tagħha.

17.4. Is-Sindku, qal li r-reġolamenti u l-linji gwida addotti mill-Awtorità tal-ippjanar jidher li jissalvagwardaw biżżejjed kontra l-periklu li saret referenza għalih fil-minuta 17.3. Minkejja dan, ma kien hemm xejn x'iżomm l-istess residenti sabiex javviċinaw lill-Kunsill Lokali fiż-żmien opportun.

**18.1. Vandaliżmu fil-Palazz tal-Marfa u l-Batterija ta' Wied Musa (A/6/7/Vol III)**

18.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-istat li jinsab fih il-bini msemmi, fejn saħansitra qed anke jinħattu l-ħitan.

18.3. Is-Sindku kkummenta li min-naħa tad-Dipartiment tal-Artijiet kien hemm żewġ sejħiet għall-interess fl-2011 u fl-2013, iżda ma mmaterjalizza xejn minnhom. Għadaqstant huwa ppropona li jsiru rappreżentazzjonijiet mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà l-Onor. Chris Agius sabiex tinġibed l-attenzjoni dwar din is-sitwazzjoni.

**19.1. Asfaltar mill-ġdid tat-Telgħa ta' Selmun (T/4/4/Vol II)**

19.2. Is-Sindku aċċenna għall-programm ta' seba' snin dwar it-titjib tat-toroq imħabbar mill-Gvern f'Mejju 2017. Huwa ppropona li t-Telgħa ta' Selmun tingħata prijorità u għalhekk għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens meta titwaqqaf l-aġenzija li ser tikkordina t-twettiq ta' dan il-programm.

19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fit-7.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 8 ta' Awwissu 2017 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**